MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 12/K6/2009 |
| Data: | Il-Ħamis, 29 ta' April 2010 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv: | Sur Matthew Dimech |
| Skuzat: | Il-Kunsillier | Sur Emanuel Abela |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat nhar it-Tnejn, 26 ta' April, 2010. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 11/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Awditjar tal-Finanzi tal-Kunsill għas-sena 2009.
5. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
7. Affarijiet oħra jekk urġenti.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 12/K6/2009

Punt 1 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 11/K6/2010

441. Is-Sindku ressaq il-minuti bħala moqrija. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet:

442. M Agius qal li għandu jiżdied il-kliem 'u għandhom jitwaħlu sinjali li jindikaw l-aċċessibilta' għal Wi-Fi fl-inħawi', fl-aħħar parti ta' minuta 430.

443. M Agius qal li għandu jiżdied il-kliem 'Il-Kunsill qabel.' Fl-aħħar ta' minuta numru 436.

444. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

445. Dwar minuta 404, C Selvaggi saqsa kif għadhom ma twaħħlux il-*bins* għal ħmieġ tal-klieb. Is-Segretarju qal li avolja kien infurmat illi dawn waslu għand min kien ordnom, dan xorta ma waħħalomx. Is-Segretarju kompla illi dan ix-xahar ftit kellu ċans jiġri wara kuntratturi biex jinqeda kif suppost, u dan minħabba applikazjonijiet u koordinament għal xogħlijiet ta' prijorita ikbar.

446 (a). Dott. Grima saqsa saritx il-laqgħa msemmija f'minuta 409, mal-Onor. Dott Said dwar il-*hamlet* tas-Swatar u jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

446 (b). Il-laqgħa ġiet sospiża. Ħin 18.00

446 (c). Il-laqgħa kompliet. Ħin: 18.11

446 (d). E Brincat ħareġ mil-laqgħa. Ħin: 18.12

446 (e). Dwar il-*hamlet* tas-Swatar, fil-ħin tas-sospensjoni tal-laqgħa, s-Sindku informa lill-Kunsilliera illi huwa ċempel lill-Onor Dott. Said fejn dan infurmaħ illi ser jgħamel laqgħa miegħu u mas-Sindku ta' Birkirkara dwar din il-materja, il-ġimgħa segwenti.

446 (f). Il-Kunsill ma qabilx illi l-fondi allokati lilu jintefqu fil-partijiet futuri tal-*hamlet* li preżentament ma jgħamlux parti mill-Imsida. Dott. Grima qal li għal din il-laqgħa għandu jattendi ukoll Kunsillier minn-naħa tal-Partit Nazzjonalista. Il-Kunsill qabel illi s-Sindku jwassal dawn il-ħsibijiet lill-Onor. Dott. Said.

447. Dwar minuta 407, C Selvaggi saqsa sarx progress fuq il-*bye law* tal-iskall fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex. Is-Segretarju qal li huwa kien f'diskussjoni mal-avukat



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

dwar din, u biex niproċedu, hemm bżonn illi ninfurmaw lill-avukat eżatt fejn irid jasal il-Kunsill b'din il-*bye-law*. C Selvaggi qal li l-*bye-law* għanda tgħati lill-Kunsill is-setgħa li jieħu ħsieb dik l-*area*, inkluż fit-tindif u l-organizzazjoni tad-dgħajjes u manutenzjoni tal-madwar. Il-Kunsilliera ma qablux ma dan. Il-Kunsill qabel li niverifikaw min naddaf dan l-aħħar l-iskall, u wara li nirringrazzjawħ inżommu kuntatt miegħu sabiex dan it-tindif jibqa isir regolarment.

448. Dott. Grima saqsa kienx hemm żvilupp dwar minuta 411 (a). Is-Segretarju qal li din il-materja ser tiġi diskussa fil-punt tal-korrispondenza.

449. Dwar minuta 410, C Selvaggi saqsa tneħħietx il-kaxxa safra min quddiem l-maħżen tal-forn fi Triq il-ġdida. Is-Sindku qal li E Brincat huwa inkarigat mid-dekasteru, u għandu jivverifika li dan huwa maħżen mal-Pulizija.

450. Dwar minuta 412, Dott. Grima saqsa sarx il-ħlas mil-Kumpanija *Active Enterprises*. Is-Segretarju qal illi huwa bgħat e-mail lis-Sindku dwar l-ammonti ta' ħlas, biex jara jekk huwa jaqbilx illi dawn jiġu riveduti minħabba nuqqas ta' *data* u jekk jaqbilx ukoll mal-iskeda kif għandhom jitħalsu f'temp ta' tnax il-xahar l-ammonti pendeti. Is-Sindku qal illi ma jafx li rċieva din l-email.

451. Dwar minuta 417, C Selvaggi saqsa lis-Sindku jekk sarx xi ħaġa fuq il-maħżen taż-żebgħa fi Triq il-Ħarrub. Is-Sindku qal li kellem l-Ispettur tal-Għassa dwar il-materja.

452. Dwar minuta 422, Dott. Grima saqsa jekk il-Kunsill kitibx aktar dwar l-iżvilupp ta' *storm water relief* . Is-Segretarju qal li d-dokumenti kienu dejjem fl-uffiċju tiegħu u l-ebda Kunsillier ma ġie jarhom.

453. Is-Segretarju qajjem punt dwar minuta 430, fejn id-Dipartiment għal Gvern Lokali talab lill-Kunsill jirrivedi l-pożizjoni tiegħu dwar fejn għandu jiġi stallat il-Wi-Fi fil-lokal. Il-Kunsill qabel li dan jiġi stallat madwar il-*Housing Estate* fi Triq il-Kunċizzjoni.

454. E Brincat daħal fil-laqgħa. Ħin: 18.43

455. Dwar minuta 437, Dott. Grima fakkar biex jiġu mħawwla żewġ siġriet quddiem il-ħanut Sofra.

456. Dwar minuta 438, M Agius fakkar biex jitpoġġa warden fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex nhar ta' Ħadd.

Punt 3 Korrispondenza

457 (a). 0626; 0694 – Is-Sindku qara l-ittri mill-Awditur tal-MEPA u c-Ċermen tal-istess Awtorita dwar l-iżvilupp PA 3825/07 ta' supermarket fi Triq Achille Ferris.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

It-tnejn infurmaw lill-Kunsill il-għala il-Kunsill mhux ikkunsidrat bħala *registered objector*. Il-Kunsill aċċetta din l-ispjega.

457 (b). M Agius qal li r-rappreżentant tar-residenti fil-petizjoni kontra dan l-iżvilupp għadu ma rċiviex tweġiba dwar jekk ir-residenti humiex *registered objectors*. M Agius propona li l-Kunsill jgħati kull għajnuna neċessarja lis-Sur Fabri u lir-residenti fil-petizjoni tagħhom mal-MEPA. Il-Kunsill qabel.

457 (c). Dott. Grima qal li l-avukat jista jivverifika ukoll jekk hux suppost xorta waħda għandniex inkunu *registered objectors*, u dan peress illi l-ittra tal-Kunsil waslet biss tlett ijiem wara l-għeluq ta' rappreżentazzjonijiet. Huwa qal illi suppost, l-liġi tippermetti illi ittra li tkun intbgħatet, hija *deemed to be recieved* bil-liġl f'temp ta' tlett ijiem.

458. 0645 – Is-Sindku qara' l-ittra. E Brincat propona li l-Kunsill jitkellem mal-Ministru tal-Edukazjoni fuq il-proposta tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

459. 0715 – Is-Sindku qal illi ser issir laqgħa informattiva dwar l-elezjonijiet tal-*hamlet* nhar is-Sibt 5 ta' Gunju 2010. L-informazjoni ta' din il-laqgħa diġa intbgħatet lill-Kunsilliera permezz ta' e-mail aktar kmieni dik il-ġimgħa.

460. 0724 – Is-Sindku spjega l-ittra, fejn l-ADT ma aċċettatx illi jsir parkeġġ fuq il-bankina fejn il-*Housing Estate* fi Triq il-Wied. Il-Kunsill qabel li ma jkomplix b'din it-talba.

461. Memo 52/2010 – Il-Kunsill qabel illi dwar punt (A) japlika biex jgħamel korsijiet ta' Ingliż u Malti, filwaqt li f'punt (B) japlika biex jgħamel korsijiet ta' *First Aid*.

462. 0743 – Is-Sindku qara l-ittra dwar talba min resident għal servizz ta' trasport publiku għall-inħawi tal-Qroqq aktar frekwenti. Il-Kunsill qabel li jieħu ħsieb din it-talba wara l-proċess ta' privatizzazzjoni ta' dan is-settur.

Punt 4 Awditjar tal-Finanzi tal-Kunsill għas-sena 2009.

463. Is-Sindku ressaq ir-rapport tal-awditur bħala moqri.

464. Is-Segretarju spjega r-rapport tal-awditur.

465. Il-Kunsill approva r-rapport dwar l-awditjar tal-finanzi tal-Kunsill għas-sena 2009.

Punt 5 Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet

466. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet K6/Min12 għall-approvazjoni.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

467. M Agius ressaq kont ta' €100 min persuna li inxtraw kotba mingħanda għall-librerija.

468. M Baldacchino qalet li l-lezzjonijiet tal-privat għat-tfal issa spiċċaw, biex b'hekk issa jistgħu jitħallsu l-għalliema.

469. Il-lista ġiet approvata u iffirmata mis-Sindku, Dott. Grima u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 6 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.

470. M Agius qal illi bgħat e-mails lic-CEO tal-Awtorita Transport Malta fejn dan ikkomunika ma xi impjegati tal-Awtorita sabiex jgħamlu rapport dwar il-qagħda ta' Triq il-Wied, fil-lok eżatt fejn is-siġar qed jaqilgħu l-wiċċ tat-triq.

Punt 7 Affarijiet oħra jekk urġenti.

471. M Baldacchino qalet illi l-*iskatepark* qed ikollu d-dawl mitfi.

472. Dott. Grima ħareġ mill-laqgħa. Ħin: 19.50

473. Dott. Grima daħal fil-laqgħa. Ħin: 19.53

474. Is-Sindku ħareġ mill-laqgħa. Ħin 19.55

475. M Agius u M Baldacchino tkellmu dwar l-attivita kulturali li l-Kumitat tagħhom qed jorganizza flimkien mas-Segretarju għal tmiem Ġunju 2010. Il-Kunsilleira wrew aprezzament għal ħidma ta' dan il-Kumitat u iddiriġewħ imexxi mingħajr il-bzonn li l-materja terġa titqajjem fil-Kunsill jekk ma tkunx ta' importanza speċifika.

476. M Agius talab biex jitneħħa l-*yellow line* li hemm quddiem il-Knisja iż-Zgħira. Il-Kunsill ma qabilx.

477. M Agius ressaq sabiex il-mera li hemm fi Triq Clarence kantuniera ma Triq Qrejten issir mal-ħajt u mhux fuq pole, peress illi hemm xi residenti li qed idawru din il-mera fuq bażi regolari.

478. Dott. Grima qal li hemm rampa fejn is-*showroom* 'Moods' fi Triq Box Box li qegħda tiżloq. Dott Grima qal ukoll li hemm garaxx fi Triq Victor Denaro, illi mhux qed ikun possibli li jiġi aċċess peress illi l-bankina ta' quddiemu qegħda għolja.

479. C Selvaggi qal li l-qbil bejn il-Kunsilliera kien li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru nhar ta' Tlieta. Fil-laqgħa preċedenti ma kienx hemm qbil illi din il-laqgħa kellha issir nhar ta' Ħamis.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

480. C Selvaggi qal illi quddiem KDM Insurance, fi Triq Ħriereb, hemm kaxxa safra li għanda ssir bajda. Huwa fakkar lis-Sindku sabiex jgħamel laqgħa mal-Pulizija dwar is-sitwazjoni ta' konġestjoni ta' traffiku quddiem *Vivien Commercials* fi Triq it-Torri, u qal ukoll sabiex isir tibdil fil-*line markings* fi Triq J Catania kantuniera ma Triq San Lwiġi.

481. E Brincat qal illi fil-*prize day* tal-iskola Primarja li saret ġimgħa ilu ma ġewx mistiedna il-membri kollha tal-Kunsill. Filfatt ġew mistiedna uffiċjalment is-Sindku, Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. E Brincat qal, iżda, illi kien hemm Dott. Grima preżenti għal din l-attivita. Dott. Grima qal illi huwa kien mistieden bħala l-avukat tal-Iskola Primarja. M Baldacchino kompliet billi qalet li kien hemm Membri Parlamentari oħra li kienu preżenti. E Brincat ressaq sabiex il-Kunsill, f'ittra indirizzata lid-Direttur tal-Edukazzjoni, b'kopja lis-Sur Frank Fabri u l-Kap tal-Iskola Primarja tal-Imsida, jistaqsi ikun mgħarraf dwar il-proċedura kif ġew mistiedna dawn il-persuni. Il-Kunsill qabel.

482. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 20.45

Approvati llum ______________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com